## Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 18 ta' Awwissu 2024

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR GABRIEL KITCHER)**

**Vs**

**BRENDAN CACHIA**
**(K.I. 75487M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Brendan Cachia** ta' 37 sena, detentur tal-karta tal-identità Maltija 0075487M, iben Joseph Cachia u Pauline Cachia nee' Spiteri, imwieled Tal-Pietà nhar is-27 ta' Jannar 1987 u residenti fil-fond Block C, Flat 9, Triq Wesgħa Mattia Preti, il-Birgu u akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, liema atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat:

1. Nhar il-15 ta' Awwissu 2024, għall-ħabta tat-tmienja u għaxra ta' filgħodu, minn ġewwa Cleopatra Confectionery, sitwat fi Vjal il-Kottonera, fil-Fgura ikkommetta serq sempliċi għad-detriment ta' Ruth Zahra Rabie Korani Mohamed u/jew ta persuni oħra.

   U aktar talli:

2. Nhar il-15 ta' Awwissu 2024, għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu, minn ġewwa Triq is-Santwarju u fil-viċinanzi tal-każin bl-isem ta' 'Social Club', Ħaż-Żabbar ikkommetta serq sempliċi għad-detriment ta Geoffrey Azzopardi.

   U aktar talli:

3. Nhar il-15 ta' Awwissu 2024, għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' waranofsinhar, minn ġewwa The Convenience Shop, sitwat f'Triq Alessio Erardi, Ħaż-Żabbar ikkommetta serq sempliċi għad-detriment ta' The Convenience Shop (Holding) p.l.c.

   U aktar talli:

4. Nhar il-15 ta' Awwissu 2024, għall-ħabta ta' tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija, minn ġewwa The Convenience Shop, witwat f Triq San Anard, Ħal Tarxien ikkommetta serq sempliċi għad-detriment ta' The Convenience Shop (Holding) p.l.c.

   U aktar talli:

5. Nhar is-16 ta' Awwissu 2024, għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu, minn ġewwa The Convenience Shop, witwat f'Triq Ħaż-Żabbar, il-Fgura, ikkommetta serq sempliċi għad-detriment ta' The Convenience Shop (Holding) p.l.c.

   U aktar talli:

6. Nhar is-16 ta' Awwissu 2024, għall-ħabta tas-siegħa u għaxra ta' waranofsinhar, minn ġewwa Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar, ikkommetta serq sempliċi għad-detriment ta' Hepsiba Siyon Kumari.

   U aktar talli:

7. Fl-istess dati, ħinijiet, postijiet u ċirkustanzi, irrenda ruħu reċidiv wara li instab ħati għal mill-inqas tliet darbiet ta' reati ta' serq permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 28H et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għar-rigward illi l-ħati jħallas id-danni ai termini tal-istess Artikoli 15A u 28H et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba wkoll sabiex tipprovdi għas-sigurtà' ta' Ruth Zahra Rabie Korani Mohamed ID 61484M, Geoffrey Azzopardi ID 212773M kif ukoll ta' Hepsiba Siyon Kumari ID 435075A billi toħroġ ordni ta protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà' tal-persuni offiżi ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotta kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi l-akkużi miġjuba kontra l-akkużat jirriflettu serje ta' sit reati ta' serq sempliċi mwettqa minnu bejn il-15 u s-16 ta' Awwissu 2024. Fil-maġġoranza tagħhom is-serq kien jikkonsisti fi fliexken ta' xorb mill-ħwienet. Irriżulta mit-trattazzjoni tal-każ illi l-akkużat għandu problema akuta ta' abbuż mid-droga u għalkemm għamel ammont konsiderevoli ta' żmien meħlus minn dan il-vizzju, f'dawn l-aħħar xhur reġa rkada u jixtieq illi jerġa jagħmel programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li mil-fedina penali tal-ħati kif ukoll miċ-ċirkostanzi tal-każ, ikun ta' aktar siwi għall-ħati jekk jingħata piena karċerarja effettiva b'dan illi jingħata l-kura rijabilitattiva mill-vizzju tad-droga. Jirriżulta li jekk l-istess ħati jibqa' barra mhux se jkun jista' jeħles minn dan il-vizzju propju minħabba l-kumpanija ħażina li għandu. Illi l-fedina penali tal-akkużat, sfortunatament, m'hijiex feliċi u tixhed il-passat turbolenti tiegħu. Għalhekk, huwa ta' aktar ġid għall-istess ħati li jagħmel żmien inkarċerat.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 49, 50, 284, 285 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Brendan Cachia <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal piena ta' sentejn (2) priġunerija effettivi.

Inoltre, għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati Brendan Cachia sabiex jingħata t-trattament meħtieġ biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga u anke għajnuna psikjatrika u psikoloġika jekk meħtieġ u dan għal perijodu ta' sentejn (2) mil-lum u dan taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.

Il-Qorti qed tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin illi l-ħati għandu problema ta' dipendenza fuq id-droga u għaldaqstant għandu jagħti qies u joffrilu kwalunkwe għajnuna li tista' tingħatalu sakemm l-akkużat jibda l-programm mir-riabilitazzjoni tad-droga.

Finalment, peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dan il-każ, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-akkużat.

Illi peress li l-prosekuzzjoni ma resqitx il-prova ta' kemm hu l-valur tal-oġġetti misruqa, il-Qorti ma tistax tapplika l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali għall-każ *de quo;*

Illi stante li l-akkużat ingħata piena ta' priġunerija effettiva, il-Qorti ma tarax l-utilità li timponi Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali fuq l-akkużat.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur Servizzi Probation and Parole, lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**Ft.Dr Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**